MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Numru. 303/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**MARIO VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Vella ta' 50 sena, bin Joseph Vella u Teresa Vella xebba Azzopardi mwieled Stepney fir-Renju Unit nhar l-14 ta' Frar, 1963 residenti 162 St Mary, Triq Vjal il-Helsien, Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 21191(M).

Gie akkuzat talli:

Bejn it-3 ta' Settembru 2012 bejn il-hamsa u nofs ta' filghaxija ta l-istess gurnata u l-hamsa w nofs ta' filghodu tal-gurnata tal-ghada 4 ta' Settembru 2012 minn go residenza numru 80 Triq San Girgor Zejtun flimkien ma' persuni ohra kkommetta serq ta' gradenza, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bil-valur liema valur huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment tas-Sinjuri Alfredo Vella, Catania Enriquez u/jew ta' persuna/i u /jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra,

U aktar talli matul l-istess perijodu ta' zmien u fi zmien ta' wara xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex bieghhom jew mexxihom,

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta biss, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma' tistghax tigi mibdula,

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 261(b), (c, (e) u (f), 263, 267, 269, 270, 278(3), 279(b), 334(a) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Mario Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Mario Vella ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Mario Vella jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------